Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 7**

**Data**: It-Tlieta, 26 ta' Lulju 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Sala, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti online**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Skużati:**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Attenda:**
L-Onor. Dr. Darren Carabott

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

## 7.1 Ittri ta' Apoloġija

7.1.1 Il-President informa li Dr. Samuel Azzopardi kif ukoll is-Sur Steven Axisa ma setgħux jattendu għall-laqgħa minħabba impennji personali.

7.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-Membri jitniżlu bħala skużati.

## 7.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 6

7.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

7.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

## 7.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 7

7.3.1 Fuq proposta tal-President, li ġiet issekondata mis-Sur Max Zammit u is-Sur Charles Bonello, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Ġunju 2022 u s-26 ta' Lulju 2022 li kienet tammonta għall-€419,487.80.

7.3.2 Is-Sur Charles Bonello staqsa fuq il-proġett tal-ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti tal-ikel f' żoni turistiċi. Il-President spjega li kienu qed jitħallsu l-ewwel fatturi ta' dan il-proġett pilota li l-fondi kienu ingħtaw mill-Ministru tal-Ambjent lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex tamministra u timplimenta dan il-proġett. Il-President semma li dan beda nhar is-7 ta' Mejju u ser ikun qed jiġi mplimentat għal sitt xhur. Dan wara li dan gie diskuss fl-Ezekuttiv precedent u kien hemm decizjoni dwar dan. Id-dewmien tal-processi tal-PCRB u l-Qorti habba l-appelli, wasslu biex il-progett ittardja kwazi sena biex beda.

7.3.3 Il-President talab sospensjoni tal-Aġenda sabiex l-Eżekuttiv ikun jista' jiltaqa' mal-Onor. Dr. Darren Carabott, li kien ghadu kif wasal. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Anthony Chircop, l-Eżekuttiv qabel li għandu jissospendi l-aġenda.

## 7.4 Laqgħa mal-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali, l-Onor. Dr. Darren Carabott

7.4.1 Il-President semma li bħala AKL jemmnu fuq deċentralizazzjoni u sussidjarjeta'. Bħala AKL semma kif dejjem ħadmu biex dak li hu mistħoqq jingħata lill-Kunsilli Lokali. Semma wkoll li sar ristrutturar kemm amministrattiv kif ukoll strutturali fil-binja u l-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

manutenzzjoni li kien hemm bżonn sabiex l-AKL ikollha post denju minn fejn topera li ma jkunx biss għas-sodisfazzjon tal-impjegati imma anki għall-Kunsilli Lokali rrappreżentanti minnha. Semma li l-Assoċjazzjoni tmexxi b' ezempju u timxi fuq dak li tippromwovi, fejn b' ezempju semma, leasing ta' karozzi eletriċi għall-użu tal-Uffiċju, roof garden u saħansitra ser ikun qed jinbeda proġett li l-parkeġġ jiġi konvertit fi spazju miftuħ. Semma li l AKL torganizza ħafna attivitajiet għas Sindki, Kunsilliera u Segretarji, kompla jgħid li mhux biss isiru attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ imma anki teambuilding u seminars oħra bl-iskop li jsaħħu l-potenzjal kemm tal-Membri Eletti kif ukoll tal-amministrattiv. Il-President informa wkoll li l-Assoċjazzjoni pruvat tapplika għall-proġett minn fondi Ewropej biex issir studju xjentifiku bejn l-aspetattiva tan-nies u dak li effettivament l-Kunsilli jagħmlu. Semma li dan l-istudju huwa kruċjali għaliex bih wieħed jista' jkejjel kif ukoll janaliza x' qed iwassal biex jkun hemm diskrepanza bejn l-aspettativi tar-residenti u l-ħidma tal-Kunsilli Lokali. Din id-diskrepanza tista' tkun krejata minn diversi fatturi fosthom; kunsilli li huma kostretti bl-allokazzjoni finanzjarja mogħtija lijlhom u anki responsabilitajiet mogħtija lijlhom mingħajr żieda fir-riżorsi jew l-esperti tekniċi. Hemm ukoll il-fattur ta' emendi leġiżlattivi li wkoll jistgħu ikunu meħtieġa. Il-President semma li l-AKL temmen li wara 30 sena ta' Kunsilli Lokali dan l-istudju huwa eżerċizzju imperattiv u anki ir-residenti għandhom ikunu parti essenzjali għall-bidla fil-qasam tal-Gvern Lokali. Il-President semma wkoll li l-AKL taħdem lil hinn mill-kuluri politiċi, fejn kulħadd huwa liberu li jesprimi dak li jaħseb. Semm li kemm ir-Reġjuni kif ukoll il-Kunsilli Lokali jħaddnu l-istess prinċipji u dejjem jaħdmu għall-ġid tal-komunita'. Semma li dan għandu jkun anki ta' eżempju għall-Membri Parlamentari.

7.4.2 Chev. Paul Farrugia semma li r-Reġjun Port huwa kompost minn maġġoranza ta' sindki u Kunsilliera li ġejjin mill-partit Laburista imma ir-Reġjun qiegħed hemm għall-komunita' kollha u qatt ma kien hemm piki politiċi imma ir-Reġjun dejjem ħadem għall-ġid komuni tal-lokalitajiet. Semma li r-Reġjun bħal issa għaddej minn interim audit minħabba it-tkeċċija tal-ex-Segretarju Eżekuttiv u fuq direzzjoni ta' Direttur Ġenerali r-Reġjun huwa imwaqqaf. Semma li b' din id-direzzjoni qed ibgħatu ħdax-il Kunsill Lokali li huma parti mir-Reġjun. Semma li t-tmexxija tal-President tal-AKL kienet waħda denja kemm għall-AKL kif ukoll għall-Kunsilliera. Semma li pjuttost isir ċerta xogħol li flok isir mid-Dipartiment dan isir mill-AKL. Semma li hemm bżonn li jkun hemm Dipartiment b' saħtu u li jiffunzjoni jekk kemm-il darba nemmnu vera fil-Gvern Lokali.

7.4.3 Is-Sur Sandro Azzopardi semma li din hija esperjenza ġdida għalih kif ukoll għall-Reġjun Punent peress li dan ġie imwaqqaf issa. Semma li l-AKL hija l-ewwel dar naturali li kull Kunsillier ifittex jidher li hemm bzonn li d-Dipartiment jisaħħah u jemmen li bħala Shadow Minister, l-Onor. Dr. Carabott għandu jagħmel dan il-punt fuq l-aġenda tiegħu favur il-ħidma għall-Gvern Lokali. Semma li huwa fatt magħruf li Kunsilli li jaħdmu huma dawk li li jwarrbu l-politika u jħadmu għall-ġid komuni tal-lokalita' Semma li anki biex issib kandidati huwa difficli imma appell li l-Partiti

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għandhom iħarsu lejn l-istampa kollha tal-Gvern Lokali biex jagħżlu l-kandidati. Semma wkoll li huwa jħares 'l quddiem għal aktar ħidma fuq bażi Reġjonali u akttar responsabbilitajiet. Semma li problema li ċertament qed jaffaċjaw ir-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali hija dik tar-riżorsi umani, li ħafna drabi huwa impossibbli li issib nies li japplikaw għall-postijiet vakanti mal-Kunsilli Lokali.

7.4.4 Is-Sur Stephen Sultana semma li kellu x-xorti li jaħdem mill-qrib ma' l-Onor. Dr. Carbott ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Semma li jħoss li qed issir ħafna xogħol li dan ikun overlapping minn diversi entitajiet. Bħal filkas il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u r-responsabilitajiet li issa għandhom Central Business Disrict. Semma kif ikunu qed isiru xogħlijiet fil-periferija tal-lokal u il-Kunsill Lokali lanqas ikun infurmat minkejja li f' dik iż-żona hemm ammont ta' residenti. Semma wkoll li rridu naraw li ma jkunx hemm overlapping bejn ix-xogħol tar-Reġjuni u tal-Kunsilli Lokali. Semma li mir-Reġjuni dejjem kien hemm għajnuna. Irid ikun hemm sinerġija f' dak li jkun qed isir. Is-Sur Sultana għamel riflessjoni tal-viżjoni tal-Kunsilli Lokali fejn timraħ minn hawn u ħames snin oħra.

7.4.5 Is-Sur Anthony Chircop semma li għandha tiġi definita aktar l-irwol u l-iskop tar-Reġjun. Semma li hemm diversi interpretazzjonijiet ta' l-irwol tar-Reġjun. Referenza anki minn Ministri lanqas huma stess ma jafu li hemm ir-Reġjuni. Semma li l-argument m'għandux ikun il-ħsieb politiku imma l-interess tal-lokalita'. Semma li trid tattira nies aħjar biex jirrapreżentaw il-partiti u li dawn għandhom jingħtaw it-taħriġ neċessarju. Tmexxi fuq il-ħsieb ta' kulħadd magħqud flimkien, sfortunatament meta għandek nies li tpoġġew b' mod sfurzat mill-partiti, ir-riżultat mhux ser ikun dak mixtieq.

7.4.6 Is-Sur Charles Bonello semma dawn il-punti:

- Rispett mill-Gvern Ċentrali fosthom entitajiet lejn il-kunsilli lokali u bil-fatti. L-ilmenti u s-suġġerimenti jiġu mwieġba. Semma li wieħed l-inqas li jista' jagħmel li jagħti rispons lill-Kunsill Lokali li rċieva l-korrispondenza. Semma li dan in-nuqqas ijlu ħafna u għandu jiġu innutat. Semma li dan huwa nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsilli Reġjonali u Lokali.
- Semma li hemm diversi ilmenti li Kunsilli Lokali jagħmlu fil-konfront tad-Dipartiment. Semma wkoll li huwa ħażin li dak li ma jsirx mid-Dipartiment isir mill-AKL. Dan għaliex l-AKL tkun qed tmur lil hinn mill-funzjonijiet tagħha. Hemm nuqqas serju mid-Dipartiment u dan għandu jiġi indirizzat minnufih. Semma li meta Kunsill jitlob l-assistenza tad-Dipartiment, dan jikwotalek il-liġi u jieqaf hemm. Huwa semma li l-Kunsill irid interpretazzjoni tal-liġi u mhux kwotazzjoni mill-liġi. Semma li tinħass in-nuqqas tal-preżenza ta' Dipartiment. Fejn anki pariri ta' Diviżjoni jingħataw fuq direzzjonijiet ħżiena. Hemm bżonn li jkun hemm

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

pressjoni biex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata. Hemm riżorsi umani biżejjed biex l-operat ta' Diviżjoni jkun aħjar.

- Ir-Reġjuni filwaqt li llum m' hemmx kunflitt bejn ir-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali, dan semma li għandu jkun hemm definizzjoni ċari tal-irwol tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali sabiex ikun hemm serħan il-moħħ mill-Kunsilli li r-Reġjuni mhux ser jieħdu mir-responsabbilitajiet tal-Kunsilli.
- Semma n-nuqqas ta' konsultazzjoni minn ċerta entatijiet tal-Gvern. Semma stanzi kif reserved parking bay jew unloading bay fil-lokalita' fejn l-entita' ikkonċernata lanqas biss tikkomunika wisq anqas tikkonsulta mal-Kunsill Lokali. Semma li Infrastruttura Malta tagħddi minn fuq il-Kusnilli Lokali mingħajr konsultazzjoni. Għandha tkun rekonoxxuta li hemm awtorita' lokali/ reġjonali li entita' trid tikkonsulta.
- Semma li r-riforma tas-sena 2018 għad hemm numru ta' miżuri li għadhom mhux implimentati. Din ir-riforma għadha mhux magħluqa. Għaldaqstant huwa saħaq li qabel ikun hemm xi tip ta' riforma jew strateġija oħra wieħed għandu jindirizza dawk il-punti li għadhom ma ġewx indirizzati f' din ir-riforma.

7.4.7 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li l-Ġimgħa ta' qabel kellu laqgħa mal-Onor. Owen Bonniċi u l-istess Ministru poġġa domanda lill-President Reġjonali, fejn staqsa x' futur jaħseb li għandhom il-Kunsilli Lokali. Is-Sur Aquilina semma li jaħseb li wasalna f' punt li naraw il-veru futur tal-Kunsilli Lokali u l-funzjoni tagħhom. Fil-ħafna konverzazzjonijiet bejn is-Sindki u il-Kunsilkiera sfortuantament bħal issa il-Kunsilli għaddejin minn certa apatija jew nuqqas ta' koperazzjoni. Semma li dan m' għandux ikun hekk. Bħal AKL vera qed nippruvaw nagħtu saħħa lill-Kunsilli Lokali imma semma li r-realtajiet u l-sifidi inbidlu. Waħda mill-affarjiet li qed tagħmel toqol hemm nuqqas ta' impjegati u anki Segretarji Eżekuttivi qed ikun diffiċli li wieħed issib Segretarji li jaħdmu b' dedikazzjoni. Semma li fejn jidħlu r-Reġjuni, dawn joffru s-sapport lill-Kunsilli Lokali. Semma li jaqbel mas-Sur Bonell u r-riforma tas-sena 2018 għandha tiġi eżawrita. Semma li jinstab preokkupat li għadha ma bdiet l-ebda kampanja fuq ġbir tas-skart Reġjonali meta qegħdin ftit biss il-bogħod mill-implemntazzjoni ta' dan il-proġett massiv.

7.4.8 Is-Sur Clifford Vella Galea daħal għal-laqgħa mis-18:25.

7.4.9 Is-Sur Max Zammit semma li jingħaqad ma' sħabu fuq il-kummenti li saru. Semma li il-Kunsilli dejjem gaħndhom jaħdmu f' armonija lilhinn mill-politika. Dan minħabba l-ġid komuni tar-residenti.

7.4.10 Is-Sur Cliffi Vella Galea skuża ruħu li wasal tard għal-laqgħa minħabba impennji ta' xogħol personali li għandu u li kien qiegħed Għawdex fuq xogħol. Semma li r-Reġjuni

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għandhom ikunu rispetatti mhux biss mill-Kunsilli Lokali li jemmen li dan ir-rispett diġa qiegħed hemm imma anki mill-Awtoritajiet, Dipartimenti u Ministeri.

7.4.11 L-Onor. Dr. Carabott xtaq jirringrazzja lil AKL tal-istedina, semma li anki l-irwol tal-Kunsilli li ħafna residenti għadhom ma jafux x' inhu. Semma li għalih il-vot ta' fiduċja li r-residenti kellhom fil-Kunsilli Lokali huwa l-ammont ta' Paralmentari li kienu Kusnilliera jew Sindki u issa qegħdin jirrappreżentaw il-poplu fil-Parlament. Semma li bħala AKL kif ukoll bħala Kunsilli Lokali, l-mira ta'sentejn oħra għandha tkun li jkun hemm vot b' saħtu għall-Kunsilli Lokali. Semma li huwa jikkomunika ħafna ma' l-Onor. Zerafa Civelli, u fosthom kienu diskussi: id-diċentralizazzjoni kif ukoll vizjoni għall-Kunsilli Lokali. Semma li ma jistax ma jsemmix u ma jissimpatiżax mal-Kusnill tal-Belt Valletta fejn legal notice li ser tafetwa lir-residenti lanqas biss ġiet diskussa mal-Kunsill Lokali. Semma li b' daqqa ta' pinna mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali ħadd m' għandu jiddeċiedi għar-residenti. Irrefera wkoll għall-każijiet ġewwa l-Gzira u Ħal Qormi fejn il-Kunsilli anki ħarġu fil-pubbliku li ma saritx konsultazzjoni mal-pubbliku fuq proġetti maġġuri fil-lokalita'. Semma li l-Kunsill Lokali għandu jinagħta wieden kif ukoll ikun ikonsultat b' dak li jkun ser isir fil-lokalita'. L-Onor Dr. Carabott, irringrazzja lill-AKL li żomm komunikazzjoni kontinwa u tati support lill-Kunsilliera, jemmen l-AKL m' għandiex biss tilħaq lill-Kunsilliera imma ukoll tkun strumentali sabiex l-messaġġ twassal lir-resident il-ħidma u dak li huwa mistenni mill-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

7.4.12 Il-President semma li dak l-istudju li semma aktar kmieni waqt il-laqgħa huwa kruċjali biex wieħed ikejjel l-andamnet tal-Kunsilli Lokali mal-aspettativi tar-residenti. Semma li rigward taħriġ għall-Kunsilliera prospettivi kien sar ftehim mal-Partiti biss pero ofl-aħħar ftit ġranet kulħadd jaf li l-Partiti jkun jinteressahom li joħroġu kemm jistgħu kandidati għal-kontestazzjoni. Jemmen li l-ewwel responsabbilita' għal dan it-taħriġ taqa' fuq il-Partiti Politiċi. Irrimarka li hu ma jara' xejn hażin li l-Assoċjazzjoni taġixxi jew tkun proattiva anki meta r-remit ma jkunx tagħha, la darba dan ikun qed isir ghal ġid tal-Kunsilliera, il-Kunsilli Lokali u l-kommunita. Tenna li l-ħsieb irid ikun wieħed li jekk hu meħtieġ jimtela' vojt dan isir aktar milli noqodu narw min kellu jagħmel xiex. Dan għaliex jekk kulħadd jaħseb b' dan il-mod, fl-aħħar mill-aħħar se jbatu l-Kunsilli u r-residenti.

7.4.13 Filwaqt li l-President u l-Eżekuttiv irringrazzjaw lill-Onor. Dr. Carabott, il-laqgħa mal-Onor. Intemmet fis-18:44. L-Onor. Dr. Carabott talab li jiġi skużat mill-laqgħa.

## 7.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju it-Tieni Kwart tas-Sena Finanzjarja 2022

7.5.1 Il-President preżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Tieni kwart tas-sena 2022. Huwa ta' spjega u ħarsa lejn l-ispjegazzjoni li kienet miktuba fir-rapport stess.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

7.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u is-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

## 7.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Reviżjoni Estimi Finanzjarji 2022

7.6.1 Il-President preżenta Reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2022. Huwa ta' spjega u ħarsa lejn l-ispjegazzjoni li kienet miktuba fir-rapport stess.

7.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u is-Sur Clifford Vella Galea, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

## 7.7 Komunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **7.7.1 Plenarja ġewwa Għawdex** | Il-President semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-Plenarja ġewwa Għawdex. Semma li jidher li l-ispiża tal-hotels hija waħda ferm għolja u l-AKL ser tkun qed tara' alternattivi fejn tista' issir il-laqgħa f' Għawdex. Fakkar li l-laqgħa ser issir bejn 25 u 26 ta' Novembru 2022. |
| **7.7.2 Laqgħa tas-Sindki** | Il-President semma li l-Laqgħa tas-Sindki ser issir nhar 5 ta' Novembru u għaliha ser ikun mistieden rappreżentant minn Brussel (CEMR) sabiex tingħata informazzjoni fuq il-Covenant of Mayors. |
| **7.7.3 Sejħa Pubblika Għall-AEDs** | Il-President semma li l-AKL qabdet espert tekniku fuq l-AEDs. Semma li fil-laqgħa li jmiss jiġi preżentat ir-rapport ta' evalwazzjoni. |
| **7.7.4 Sħubija mal-Lomardija** | Il-President semma li l-AKL ser tkun qed iżżur l-Assoċjazzjoni ACCRE il-Lombardija sabiex jiġi ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet. Tul iż-żjata, ser ikun hemm laqgħat mall-Municiplaitajiet kollha li jiffurmaw dan ir-Reġjun, bl-assistenza tal-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni Taljana. |
| **7.7.5 Slow Streets** | Il-President semma li qed jagħmel komunikazzjoni mal-Kunsilli Lokali ta' Swieqi, Isla, Żejtun u Ħal Safi li huma l-aktar Kunsilli li preparati sabiex jimplimentaw il-proġett ta' Slow Streets. Dan wara diversi diskussjonijiet li qed isiru anki |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

bġala implimentazzjoni ta' dan il-proġett la darba issa ddaħħal ukoll fil-Manifest elettorali tal-Gvern tal-ġurnata.

7.7.6 Is-Sur Jesmond Aquilina talab li jkun skużat fis-19:02

| | |
|---|---|
| **7.7.7 Sejħa Pubblika – Ġbir ta' skart Reġjonali** | Il-President semma li s' issa għad ma kellux risposta fuq il-mandati li tresqu fil-konfornt ta' din is-sejħa. Semma wkoll li d-data tal-ftuħ tas-sejħa ġiet estiża. |
| **7.7.8 Imwejjed u Siġġijiet fi spazji miftuħa** | Il-President semma li l-AKL irċeviet korrispondenza mill-Kunsill Lokali tal-Isla dwar il-problema kbira li hemm fix-xatt tal-Isla fuq imwejjed u siġġijiet li jiġu impoġġija fuq il-bankina u li dawn ineħħu l-aċċess liberu għall-persuni li jridu jużaw il-bankina. Il-President semma li ser ikun hemm laqgħa mal-Ministru ikkonċernat sabiex wieħed isib kompromess. |
| **7.7.9 Kaleci Cultural Festival** | Il-President semma li l-AKL flimkien mar-Reġjuni ġew mistiedna sabiex jattendu dan il-festival kulturali. Semma li l-AKL ser tkun qed tieħu l-ismijiet ta' dawk li ser jattendu sabiex taqta' l-biljetti tal-arju imbgħad tibgħat fattura lir-Reġjun ħalli dawk li telgħin imorru bħala grupp. |
| **7.7.10 European Week of Regions and Cities 2022** | Il-President semma lil-AKL ħadet ħsieb li tirriżerva 50 post fuq titjira tal-Airmalta sabiex Membri Eletti u Segretarji Eżekuttivi li jixtiequ jattendu għal din l-Open Week ikollhom il-possibilita' li jagħmlu dan u jitilgħu wkoll bħala grupp. Semma li l-AKL ser tkun qed tiġbor l-ismijiet ta' dawk interessati li jattendu. Il-President semma li jekk hemm reġjuni li se jħallsu l-flights tal-Kunsilliera tar-Reġjun tagħhom, biex ikunu korretti, huma l-Kunsilli Lokali li jridu jhallsu DSA lil kull Kunsillier mill-Kunsill rispettiv u jkun il-Kunsillier li jħallas il-prezz tal-lukanda. |
| **7.7.11 Uffiċjal Eżekuttiv AKL** | Il-President fakkar li kien hemm riżenja formali ta' wieħed mill-impjegati tal-AKL u għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni immedjatament wara li nfurmat lill-Eżekuttiv permezz ta' korrispondenza uffiċjali ġabet il-permessi neċessarji sabiex tinħareġ sejħa għall-post vakant. Semma li l-impjegat ser jispiċċa nhar 12 t' Awwissu 2022. |
| **7.7.12 Interreg Med Funds** | Il-President semma li lejn Ottubru ser tkun qed tinħareġ sejħa għall-proġetti taħt dan il-fond. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **7.7.13 Uffiċjal fi skala 16 (non-klerikali)** | Il-President semma li war ali ntemm il-proċess ta' intervisti, l-AKL impjegat persuna fuq skala 16 fuq bażi ta' reduced hours mil-4 ta' Lulju 2022. |
| **7.7.14 Commercial Packaging Waste** | Il-President semma li wara l-laqgħa preċedenti, kienet intbgħatet komunikazzjoni uffiċjali lill-Ministru u s-Segretarji Parlamentari ikkonċernati imma l-AKL kienet baqgħet bla tweġieba. Intbgħatu wkoll reminders ta' l-istess korrispondenza. Semma li ser tkun qed terġa' tintbgħat korrispondenza oħra wara din il-laqgħa. |
| **7.7.15 Climate International Conference** | Il-President semma li l-AKL kienet mistiedna għall-konferenza ġewwa l-Greċja. Semma li l-istedina min-naħa tal-AKL għaddiet lir-Reġjuni. Huwa fakkar li jekk ir-Reġjuni se jħallsu l-flights tal-Kunsilliera jew Uffiċċjali oħra mir-Reġjun, id-DSA għandha tingħata skont ir-regolamenti maħruġa, dan fid-dawl li hafna mill-attivitajiet, bħal ikliet, etc, ser ikunu koperti mill-istedina. Dan jgodd ukoll għall-lukandi li m'għandhomx jitħallsu mir-Reġjuni. |
| **7.7.16 Laqgħa mal-Awtorita' tal-Ippjanar – Planning Fund** | Il-President semma li għaddejja komunikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isir seminar ta' nofs ta' nhar mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali sabiex jingħataw dettalji u anki jiġu diskussi problemi li l-Kunsilli qed jaffaċjaw met ajiġu biex jużaw dan il-fond. |
| **7.7.17 ACR+** | Il-President informa li l-AKL kienet irċeviet biex thallas il-membership ta' ACR+. Kien hemm qbil li din tinqasam bejn l-AKL u s-sitt Reġjuni. |
| **7.7.18 Kawża – Is-Sur Jimmy Magro** | Il-President semma li l-AKL irċeviet taħrika sabiex titla' tixhed fil-każ tas-Sur Jimmy Magro. Semma li l-kawża ġiet diferita għas-17 t' Awwissu 2022. |
| **7.7.19 Taħriġ fuq Finanzi** | Il-President semma li f' Settembru ser ikun hemm taħriġ għall-Membri Eletti u Ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Dan it-taħriġ ser ikun fuq tliet ijiem. Semma li l-AKL għadha qed tiġbor il-kwotazzjonijiet sabiex dan it-taħriġ isir bi ħlas. Semma li dwar dan it-taħriġ, l-Assoċjazzjoni tkellmet mal-ANSEK sabiex isir b' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ naħat. |
| **7.7.20 Kors ta' Evalwazzjoni fuq l-Epps** | Il-President semma li minkejja li l-AKL tipprova takkomoda lill-Membri Eletti u anki lill-Amministrattiv, kien hemm ħafna |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ilmenti minn diversi Segretarji Eżekuttivi li mhux ser ikunu qed jattendu għal dan it-taħriġ peress li ser issir is-Sibt filgħodu. Huwa wera d-diżappunt tiegħu dwar dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar dan qed isir biex l-istaff tal-Kunsill ikun mogħni bil-ħiliet kollha meħtieġa. Xi ħaġa li jġorru magħhom tul ħajjithom.

Is-Sur Charles Bonello semma li huwa jibqa' jemmen li dan it-taħriġ għandu jkun imkejjel b' KPIs u jaffettwa wkoll il-performance bonus.

**7.7.21 Stimi għal servizz ta' Network ġdid**

Il-President fakkar li kif spjega fl-aħħar laqgħa minħabba xogħlijiet li saru fl-infrastruttura tal-binja kien hemm ħsarat fuq cables antiki ta' network u xogħol ieħor li jrid isir bħala rinovar u upgrade fis-sistema u għaldaqstant l-AKL kienet qed tiġbor kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

**7.7.22 David Higham**

Il-President fakkar li meta l-AKL attendiet l-konferenza tal-ECAD ġewwa l-Isvezja kien sar kuntatt ma' David Higham li huwa persuna li għaddiet mill-vizju ta' droga u li wara din l-esperjenza kiteb ktieb fuq is-suġġett. Il-President issuġġerixxa li jinxtara ktieb għal kull Kunsill Lokali li jingħata waqt konferenza fuq is-suġġett li hemm il-ħsieb li l-ECAD flimkien mal-AKL torganizza ġewwa Malta.

**7.7.23 Way of the Streets, photo project by Jacob Sammut**

Il-President semma li l-AKL kienet ser tiltaqa' ma' dan il-fotografu li qed jagħmel proġett sabiex jaqbad mumenti fi toroq Maltin u anki dawk barranin sabiex tiġi dokumentata l-istil ta' ħajja tal-bniedem.

7.7.24 Is-Sur Charles Bonello talab li jkun skużat mil-laqgħa fit-19:52

**7.7.24 Ilment minn Residenti Beltin**

Il-President semma li wara l-Laqgħa Plenarja li saret ġewwa l-Ġnien ta' Hastings kien sar ilment min wieħed mir-residenti. Liema ilment kien ġie indirizzat mill-AKL.

**7.7.25 Spejjeż ta' Tribunali**

Il-President semma li l-LESA waslet biex tikkonkludi u tibgħat il-ħlasijiet lir-Reġjuni ta' spejjeż relatati ma' Tribunali li saru sa Settembru 2021. Il-President semma li l-AKL ser tkun qe dtikkonsolida l-informazzjoni mir-Reġjuni fuq spejjeż li saru bejn Ottubru u Diċembru 2021.

Il-President semma li huwa kien qed jikkomunika sabiex issir laqgħa fuq it-Tribunali u t-triq 'il quddiem imma kien għadu bla risposta ta' data għal din il-laqgħa.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**7.7.26 Universita' ta' Malta – Fakulta' fuq politika u Governanza**

Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-Fakulta' u li kien preżentat il-prospectus sabiex possibilment ikunu mħajra aktar Membri Eletti sabiex isegwu dawn il-korsijiet. L-Eżekuttiv ingħata kopja ta' dan il-prospectus.

**7.7.27 Laqgħa ERA – Bring-in Sites**

Il-President semma li kellu laqgħa mal-ERA fejn reġgħu ġew diskussi l-Bring-in-Sites. Semma li minkejja li l-ERA trid tibda tinforza, il-President irrimarka li m' hemm l-ebda site li hija reġistrata u l-Assoċjazzjoni mhix qed taċċetta li dan l-obbligu jaqa' fuq il-Kunsilli Lokali.

**7.7.28 Laqgħa mal-PPS is-Sur Tony Sultana**

Il-President semma li l-AKL kellha laqgħa mas-Segretarju Permanenti Ewlieni flimkien mas-Segretarju Permanenti għal Gvern Lokali, is-Sa. Joyce Dimech. F' din il-laqgħa ġew diskussi diversi punti u sfidi li l-Kunsilli Lokali għaddejjin minnhom. Semma li għandha issir laqgħa bejn il-parijiet kollha inkluż is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**7.7.29 Laqgħa mal-Ministru għall-Anzjani**

Il-President informa li kien hemm laqgħa mal-Ministru għall-Anzjani, fejn jidher li hemm ir-rieda li dan il-Ministeru jaħdem aktar mill-qrib mar-Reġjuni fejn tkun qed tiġi esplorata l-idea li Day Care Centres ikunu fuq bażi Reġjonali. Is-Sur Stephen Sultana, semma li il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għaddej minn kwistjoni minħabba Day Care Centre, fejn wara li l-Kunsill nefaq jonfoq ammont kunsiderevoli ta' flus fuq id-Day Care Centre, issa l-Ministeru jrid jagħmel użu minn dan iċ-ċentru mingħajr ma' jagħmel ftehim mal-Kunsill Lokali.

**7.7.30 Streetlightning**

Il-President semma li l-AKL kienet irċeviet komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fejn qed jipprotestaw kontra l-ftehim li sar tal-istreetlightning. Il-President semma li jixtieq jagħmilha ċara li l-AKL ma ffirmat l-ebda kuntratt minnwara dahar l-ebda Kunsill Lokali, il-kuntratt li kien iffirmat huwa sabiex id-dawl jinbidel kollu ghal LED u l-Kunsill ser jibqa' jiddeċiedi fuq il-bozoz li hemm fil-lokalita'. Semma li l-allokazzjoni wkoll ser tibqa' għand il-Kunsill u l-Kunsill irid jikkomunika mal-kuntrattur. Il-President semma li kienet intalbet skeda ta' mill-liema Kunsilli ser jibdew biss pero din għadha ma waslietx. Il-President semma li kien ser jerġa' lis-Segretarju Permanenti għall-Enerġija.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **7.7.31 Laqgħa Civil Society Committee** | Il-President semma li s-Sur Anthony Chircop attend Civil Society Committee meeting fi ħdan l-MCESD. Semma li għal-laqgħa kien hemm mistieden l-Onor. Andy Ellul. |
| **7.7.32 Anniversarju tal-Pulizija** | Il-President semma li kien mistieden għaċ-ċelebrazzjoni tal-Anniversarju tal-Pulizija. |
| **7.7.33 Zjara mill-President tal-Kungress Ewropew** | Il-President irringrazzja lil dawk kollha li attendew għall-attivita' li saret il-Barrakka ta' Fuq. |
| **7.7.34 Laqgħa fuq il-Kontroll ta' Traffiku ħdejn l-iskejjel** | Il-President semma li kien hemm l-ewwel laqgħa bejn TM, AKL, Pulizija, LESA u l-Ministeru għall-Edukazzjoni rigward is-suġġett imsemmi. Semma li ser ikunu ċċirkulati l-minuti tal-laqgħa. Semma li ser ikunu qed jibdew diskussjonijiet sabiex ikun hemm l-emendi neċessarji fil-Private Security Act kif ukoll fl-Att tal-Kunsilli Lokali biex ikun rifless dan it-tibdil. |
| **7.7.35 Delegazzjoni mil-Litwanja** | Il-President informa li s-Sur Stephen Sultana iltaqa' ma' delegazzjoni li ġew mil-Litwanja. Liema laqgħa saret fis-sala tal-AKL u s-suġġett tad-diskussjoni kien l-indafa pubblika u l-immaniġjar tal-iskart. |
| **7.7.36 Protokol** | Il-President semma li ser ikun qe djattendi laqgħa flimkien mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward il-protokol. |

**7.8 Affarjiet oħrajn**

7.8.1 Chev. Paul Farrugia saħaq fuq l-inkonsistenza ta' Direttivi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fuq ir-Reġjun Port. Semma li huwa għandu bil-miktub mid-Diviżjoni li ċerta nefqiet u proġetti bħax-xiri ta' żewġ vannijiet elettriċi li r-Reġjun ġie mwaqqaf milli jagħmel. Semma li issa d-Direttur Ġenerali qed ikun inkonsistenti għax issa informa li ir-Reġjun seta' kompla bix-xiri ta' dawn il-vetturi. Semma li huwa talab laqgħa mad-Diviżjoni sabiex ikunu diskussi dawn id-direttivi imma din il-laqgħa ma ġietx milqugħha. Semma li issa għaddejja wkoll kwistjoni fuq il-Belt Kapitali Ewropeja 2030 li jidher ukoll li hemm informazjoni li ma waslitx fl-intier tagħhha għand ir-Reġjun.

7.8.2 Il-President fakkar li nhar id-19 ta' Awwissu l-Eżekuttiv kien ser jiltaqa' għall-ikla tas-sajf.

7.8.3 Il-President informa li nhar 11 t' Awwissu l-Uffiċini tal-AKL kienu ser jagħlqu f' nofsinhar u l-istaff flimkien mal-President ser jagħmlu l-ikla tas-sajf.

**7.9 Aġġornament**

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

7.0.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 23 t' Awwissu 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.8 li nżammet nhar it-Tlieta, 22 t' Awwissu 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**